**Minuti tal-417-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Ħamis, 18 ta' Lulju, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Domenic Agius, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sur Joseph Vella.

Is-Sur Mark Grech u s-Sur Marc Vella Bonnici kienu għadhom ma daħlux għal-laqgħa.

Is-Sur Brian Spiteri kien skużat

Qabel ma l-Kunsill għadda għall-approvazzjoni tal-minuti, is-Sindku qal li qiegħed jaġġorna din il-laqgħa tal-lejla abbażi ta' nuqqas ta' trasparenza. Is-Sindku qal li l-aġenda ta' laqgħa ma ġietx diskussa miegħu bħala Sindku kif titlob il-liġi u r-residenti tal-lokalita` ma' kienux infurmati bil-ġurnata li fiha ser issir din il-laqgħa u dwar l-aġenda tal-istess laqgħa. Is-Sindku qal li sadanittant ġie nnotat li l-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' llejla kienet qiegħda tiġi preġudikata mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li ċirkustanzi riċenti juru biċ-ċar li s-Segretarju Eżekuttiv qiegħed jindaħal b'mod dirett fid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali, bl-atteġġjament tiegħu qiegħed jinfluwenza l-proċess demokratiku li bih għandu jitmexxa l-Kunsill Lokali u qiegħed jabdika mill-etika li suppost iħares. Is-Sindku qal ukoll li fid-dawl ta' dan kollu qiegħed iħalli għad-diskrezzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li jieħu l-azzjonijiet neċessarji sabiex iħares l-interess tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar u tal-lokalita`. Is-Sindku qal li peress illi kien qiegħed jinkiser paragrafu 52 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali kien qiegħed jgħati *ruling* li l-laqgħa tiġi aġġornata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien is-Sindku stess li tah l-ordni bil-miktub biex jibgħat jinforma lill-Kunsilliera dwar il-laqgħa u s-Sindku saħansitra ingħata kopja ta' riżoluzzjoni speċjali li kienet ġiet ippreżentata u li kellha tiġi diskussa fl-istess laqgħa. Barra minn hekk l-Agenda intbgħatet lil kull membru tal-Kunsill ġimgħa qabel id-data tal-laqgħa, u fl-ebda ħin is-Sindku jew Kunsillier ma qajjem xi argument jew oġġezzjoni dwar din il-materja. Is-Segretarju qal ukoll li aktar kmieni matul il-jum is-Sindku kien

ċempillu u qallu li jekk jkun hemm preżenti l-mpjegata tal-Kunsill għall-laqgħa kien ser iħassar il-laqgħa u dan mingħajr ma ta raġuni għalfejn ordna li l-impjegata ma tidħolx għal-laqgha.

Fis-6.15 ta' filgħaxija is-Sindku ġiet aġġornata *sine die*.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-418-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2013.

Quinton Scerri
Sindku